MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 946/2003

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**I.M.L. Holding Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Mejju, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u sittin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm261.39) rappresentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta in konnessjoni ma' *mobile phone* bin-numru 99492616.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-mandat ta' sekwestruipprezentat kontestwalment ma'l-avviz u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz

fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta.

Ra li s-socjeta konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta'l-avukat Dr. Michael Grech ghan-nom tas-socjeta attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u sittin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm261.39), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz kontra s-socjeta konvenuta ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------